# NICCA TAL-MADONNA TAR-RUZARJU

FIL-BELT VALLETTA

MINN VINCENT ZAMMIT

Nistghu nghidu, li id-drawwa li jigu nkorporati nicec ghall-qaddis protettur tal-familja fil-faccati tad-djar, ilha li nqatghet. Izda xorta wahda ghadna nsibu xi ezempji zghar, fejn persuni jew familji jirrikorru ghall-protezzjoni tal -qaddis. Xi drabi, xi nicec gew introdotti minn xi Ordni Religjuz, biex ikunu jistghu ikattru d-devozzjoni lejn qaddis jew qaddisa partikolari. Fost dawn l-Ordnijiet, insibu dak Dumnikan, li minn dejjem wera devozzjoni kbira lejn il-Madonna, taht id-diversi titoli li hi maghrufa bihom. L-aktar fost dawn, insibu il-Madonna tar-Ruzarju.

Taht dan it-titlu nsibu li kienu jitwaqqfu konfraternit-ajiet kull fejn ikun hemm kunvent Dumnikan. Id-devozzjoni kbira lejn il-Madonna tar-Ruzarju ma kienx restritt biss ghall dawn l-Ghaqdiet, izda gie li twaqqfu xi nicec fit-toroq ukoll, biex b'hekk id-devozzjoni tkompli dejjem tizdied. Gewwa l-Belt Valletta, fejn id-Dumnikani nsibuhom iwaqqfu l-kunvent taghhom mat-twelid ta' l-istess belt, naturalment insibu ukoll il-konfraternita' tar-Ruzarju, kif ukoll, ghall-anqas zewg nicec iddedikati lill-Madonna tar-Ruzarju. Wahda minn dawn hija semplicimont inkwatru, mghotti bil-ggiega, fen insibu santa tal-Madonna tar-Ruzarju. Il-gwardic huwa ta' l-injam, u ma tantx insibu tizjin. Din tinsab mall-hajt tal-kunvent stess, fi Triq San Nikola. Izda nicca ohra iddedikata lill-Madonna tar-Ruzarju, hija dik li llum tinsab fi Pjazza Sant'Jie rmu. Din in-nicca hija ferm artistika u fost l-aktar mizmuma tajjeb fill-Belt. Ghandha xkaffa ta' injam sod, u fuq hemm tliett figuri marbutin mal-Madonna tar-Ruzarju, li huma il-Madonna fuq tron, u tahtha,gharkubtejhom hemm San Duminku u Santa Roza.

n il-grupp Btatwarju huwa mizbugh bil-kuluri,' u jiehdu hsxebu i l-Familja Chircop l ijoqoghdu fill-qrib. Qabel ina wasal f•din il-pjazza, danil-grupp statwarju kien jinsab f i Triq SanGuzepp kantuniera ma' triq Tramuntana, fill-Dolt stoss. Minn dejjem kien hemm devozzjoni lejn danil-grupp statwarju, ghax ommi tghid, l imeta kienet ghadha tfal, fix-xhur ta' Mejju u Ottubru kien hernm ragel l ikien jiehu hsieb jigbor in-nies biex jghidu r-ruzarju quddiem din in-nicca. Ftit qabol in-sitta ta' filghaxija, kien jibda jdur ma' 1-inhawi jdoqq qanjBiena u bil-mod il-mod kienu jingabru n-nies. Dawn kienu jgibu maghhom banketta jewsiggm, u t-tfal kienu jpoggu fl-art. Kulhadd kien ihares lejn din in-nicca, u ix-xena kienet regolari fix-xhur l isemmejna. Ilium fl-istess lok ghadu jindab bias il-pedestall tal-gebel.

Ghalkemm ghad fadal x idevozzjoni lejn il-Madonna tar-Ruzarju, din ṁghadïueex popolari daqs qabel. Qabel ma tqeghdet fejn hiissa, din in-nicca giet irrestav/rata minn zaghzugh tal--parrocca u mizbughg mill-gdid. Ghalkemmi l-kuluri kemxejn jghijtu, dawn joghgbu lin-niesin generali.

L-uniku avveniment l ijsir madv/ar din in-nicca, ilium, hija quddiesa. Din i l-quddiesa issir gencralment f l-ahhar jiem ta[1] Ottubru. Fl-1982 saret il-Gimgha, 29 ta[1] Ottuħfcu,•fis-sitta ta[1] filghaxija. Bidla interessanti hil idaz-zmien din il -quddiesa qed 'tigi organizzata mid-dDumnikani stcss, u mhux imhollija f'idejn ragel kwalunkwe. _Qabel il-quddiesa, jinghad ir-ruzarju bis-slides, isir kant u qari niill-Kotba Mqaddsa. Hi j adrawv/a sabiha l iin-nies tà' 1-inhawi jixghelu il-gallar-ijiet taghhom f[1]din 1-oklcazjoni.

B'hekk jidher kif certi drawwiet ghadhom ma spiccawx ghal kollox, ghalkemm dejjem isir x itibdik. Ukoll l i wiehed jiehu hsieb dawn in-nicec hija' drawv/a sabiha, ghax din hija •parti mill-folklor ta' pajjizna.